# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Il-Ħadd 25 ta' Ġunju 2017
It-XII Ħadd Matul is-Sena
Sena A

**Introduzzjoni**

Illum ser niċċelebraw il-liturġija tat-tnax –il Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tistedinna sabiex inkunu dixxipli sinċiera li nafdaw lil Kristu.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Ġer 20, 10-13)

Il-bniedem huma mistieden sabiex ipoġġi t-tama tiegħu f'Alla għax Hu m'hu ser jitilqu qatt.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 68 (69), 8-10.14.17.33-35)

Fil-kobor ta' tjubitek weġibni, O Alla

**It-Tieni Qari** (Rum 5, 12-15)

Il-grazzja t'Alla ġiet murija lilna permezz ta' Ġesù Kristu.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 10, 26-33)

Jekk Alla ma jinsiex il-ħolqien, daqshekk ieħor ma jinsiex lill-bniedem.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**

Ejjew f'dan il-mument inroddu ħajr lil Alla għal dak kollu li jipprovdielna bħala wliedu.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Biex ngħixu ta' veri dixxipli ta' Kristu, aħna lkoll mistiedna nirċevuh ġo fina sabiex Hu jqawwi din il-mixja tagħna warajh.
Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.